MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 5/2007

**Maria Theresa Ciappara**

**vs**

**Rosanne Galea - Future Focus Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta’ Frar, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-21 ta' Novembru 2006 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta’ mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) rapprezentanti spejjez ta’ course ta’ ‘good practice in child care’ u li kellha

assigurazzjoni li dan kien rikonoxxut li fil-fatt ma kienx.

L-intimatipprezentat risposta ghal din it-talba u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li hija rapprezentanta tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti attendiet course ta' 'good practice in child care' li hadet ghand Future Focus Ltd. u li kellha assigurazzjoni li dan il-course kien tajjeb sabiex tahdem fil-qasam ta' child care u dan ma kienx rikonoxxut fil-fatt kellha taghmel course iehor biex ikun jista' jigi rikonoxxut.

L-intimat issottomettiet illi l-fatt li ghamlet il-course ma jfissirx illi ma hadetx beneficcju kif ukoll il-kondizzjonijiet tal-course kienu illi l-istudenti stess illi kellhom jaraw fuq ic-recognition tal-course.

It-Tribunal wara li sema' l-partijiet jinnota illi huwa minnu illi l-intimat tat xi assigurazzjoni illi dan il-course kien ser ikolu certifikat illi kien tajjeb ghax xoghol taghhom u li kien rikonoxxut u fil-fatt ma kienx.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

L-obbjezzjonijiet ta' dan l-appell huma identici f' kull rispett ghal dawk l-ohra kontenuti fir-rikors ta' appell ipprezentat tas-socjeta` konvenuta u minn Rosanne Galea, *qua* terz

interessat, fl-ismijiet “Frances *sive* Frances Gladys Mercieca -vs- Future Focus Ltd” (Appell Nru. 4/07);

Il-Qorti jidhrilha li biex tevita ripetizzjoni zejda taghmel semplici riferenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula f’ dak l-appell l-iehor, kontestwalment deciz, u taghmilhom applikabbli ghall-istanza prezenti.

Ghall-istess motivi f’ dak l-appell l-iehor zvolti, il-Qorti qed tilqa’ l-ewwel aggravju u tghaddi biex tillibera lil Roseanne Galea personalment mill-osservanza tal-gudizzju. Tichad il-kapijiet l-ohra ta’ aggravji u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tas-socjeta` Future Focus Ltd, spejjez a karigu ta’ l-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------